Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9494 — Equistone/Heras)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 279/06)

1. Fis-6 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Equistone Partners Europe Fund VI ("Equistone", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Equistone LLP,

— Hela N.V. (il-Belġju), Heras Deutschland GmbH, HERAS Mobilzaun GmbH (il-Ġermanja), Heras France S.A.S., Heras Cloture Mobile et Securité S.A.R.L., Heras Cloture Mobile Production S.A.S. (Franza), CRH Fencing & Security Ltd (ir-Renju Unit), Perimeter Protection Holding B.V. (in-Netherlands), Heras Norge AS (in-Norveġja), Heras Polska sp. z o.o. (il-Polonja), u Heras AB (l-Isvezja), (flimkien "Heras"), jappartjenu għas-CRH Group plc.

Equistone takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Heras kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Equistone: ditta ta' investiment privat ta' nofs is-suq li taħdem madwar l-Ewropa.

— Heras: tissupplixxi soluzzjonijiet u servizzi għall-protezzjoni tal-perimetru (sistemi diversi ta' fences, stallazzjonijiet, manutuenzjoni u tiswija) b'siti tal-manifattura madwar l-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9494 — Equistone/Heras

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.